V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9153 — CDC/Meridiam/FICA-HPCI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 417/11)

1. Fit-8 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Caisse des dépôts et consignations ("CDC", Franza),

— Meridiam Transition ("Meridiam", Franza), ikkontrollata minn Meridiam SAS,

— FICA-HPCI (Franza), ikkontrollata minn Meridiam.

CDC u Meridiam jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' FICA-HPCI.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDC hija istituzzjoni pubblika Franċiża bi status ġuridiku speċjali, attiva fil-ġestjoni ta' fondi privati li għalihom l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jixtiequ jipprovdu protezzjoni speċjali u fil-finanzjament ta' proġetti ta' investiment b'interess pubbliku (trasport, ambjent, tranżmissjoni tal-elettriċità, eċċ.),

— Meridiam hija kumpanija inkorporata Franċiża, prinċipalment attiva f'investimenti tal-infrastruttura, speċjalment fis-setturi tat-trasport, is-servizzi pubbliċi u l-ġenerazzjoni tal-enerġija.

— FICA-HPCI hija kumpanija azzjonarja li bħalissa għandha ishma f'żewġ kumpaniji ta' proġetti, FICAP u COGECAP. FICAP se tkun attiva fil-produzzjoni ta' pallets tal-injam u COGECAP se tkun attiva fil-ġenerazzjoni tal-elettriċità u s-sħana.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9153 — CDC/Meridiam/FICA-HPCI

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË